**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Ottubru 2018**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 257/2014 JZM**

**Joseph Castillo, Noel Ciantar, Martin Francalanza, Francis Laus, Dr. Rita Micallef, John Mifsud, Margaret Muscat, John Salomone Reynaud, Cynthia Scerri u Andrew Scicluna**

***kontra***

**Jesmond Bonello (ID 206471M) bhala President u Joseph Vella (ID 0616181M) bhala Segretarju Generali tal-Union Haddiema Maghqudin u in rapprezentanza ta` l-istess Union u Gian Paul Gauci (ID 80386M) bhala ufficjal tal-Union Haddiema Maghqudin [zieda awtorizzata b`digriet tad-19 ta` Mejju 2014]**

**Il-Qorti:**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors gurmanetat prezentat fit-<u>28 ta` Marzu 2014</u> li jaqra :–

*1. Illi r-rikorrenti jokkupaw karigi mad-Dipartiment tas-Sahha f`pozizzjoni ta` kapijiet (Managers) tat-taqsimiet rispettivi u huma ghadhom jokkupaw dawn il-karigi sal-lum.*

*2. Illi l-esponenti fil-maggoranza taghhom huma jew kienu membri fil-Union Haddiema Maghqudin bil-ghan li jkollhom sahha u sostenn f`dak kollu li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom u bl-aspettativa illi l-imsemmija union sejra twettaq b`mod kostanti u onorabbli l-funzjoni taghha ta` trade union lejali lejn dawk imsehbin fiha.*

*3. Illi l-awtoritajiet tas-sahha ffirmaw ftehim kollettiv ma` l-Union Haddiema Maghqudin fl-14 ta` Frar 2013 li bih giet serjament ippregudikata l-pozizzjoni tal-mittenti, liema ftehim kollettivifframmenta l-istruttura ezistenti.*

*4. Illi r-rikorrenti kisbu l-karigi taghhom bhala kapijiet tat-taqsmiet rispettivi wara li kkompetew ghal dawn il-karigi u b`hilithom waslu ghall-karigi rispettivi taghhom bhala kapijiet.*

*5. Illi l-ftehim milhuq mill-Union Haddiema Maghqudin ma` l-awtoritajiet arbitrarjament u ingustament gab fix-xejn id-drittijiet akkwiziti minnhom u pproklama illi minn issa `l quddiem il-mittenti jkunu mistennija*

*jergghu japplikaw ghall-pozizzjoni waqt li wkoll jikkompetu mas-subalterni taghhom, li huma stess kienu harrgu u ghenuhom biex huma wkoll jiksbu l-hiliet li dawn is-sulalterni ghandhom illum.*

*6. Illi 'collective bargaining' igib mieghu obbligi legali favur dawk li jkunu qeghdin jigu rapprezentati.*

*7. Illi r-rikorrenti bhala membri fil-Union Haddiema Maghqudin kienu jistennew li l-union taghhom sejra tipprotegi u tiddefendi d-drittijiet u l-interessi taghhom u mhux tittradixxi d-drittijiet u l-interessi taghhom bil-ghan li zzomm kuntent u tivvantaggja lil haddiehor. Jekk il-Union intimata kellha konflitt ta` interess, kien hemm soluzzjonijiet ohra u l-Union Haddiema Maghqudin messha avzat tempestivament lir-rikorrenti b`tali konflitt ta` interess sabiex huma jkunu jistghu jidderigu ruhhom preventivament, okkorrendo billi jiffurmaw trade union ghal rashom.*

*8. Izda, minflok, il-Union intimata ghazlet it-triq dizonorabbli u ttradiet l-interessi u d-drittijiet tal-membri li kienu qeghdin jiddependu fuqha u jafdawha.*

*9. Illi l-imsemmi ftehim kollettiv iffirmat mill-awtoritajiet tas-sahha, minbarra li jekk jigi implimentat ser igieghel lill-mittenti bhala kapijiet jikkompetu ma` ta` tahthom u b`hekk jaqleb ta` taht fuq l-istruttura ezistenti u d-drittijiet akkwiziti minnhom, imur kontra l-principju dwar Relattivita` in kwantu gradi ohra fil-professjonijiet rikonoxxuti jgawdu dan li gej :*

| | |
|---|---|
| *Managing Psychologists* | *skala 4 u f`kariga (post)* |
| *Scientific Officers (chief)* | *skala 5 u f`kariga (post)* |
| *Nurses u Midwives* | *zammew il-managerial posts (mhux position ta` tliet snin bhal dik tal-mittenti, e.g. Chief Nursing Manager)* |
| *Environmental Health Officers* | *ghandhom direttur ghalihom.* |

*10. Illi dan il-ftehim kollettiv ma indirizzax din l-anomalija izda, ghall-kuntrarju, kompla wessaghha fil-konfront tal-mittenti Allied Health Professionals, li ghandhom Direttur wiehed biss ghall-professjonijiet kollha. Illi b`hekk inholqu disparitajiet qawwija, preferenzi ingusti u diskriminazzjoni. Prova ta` dan hu l-fatt li Senior Principals ha jkunu telghu minn skala 8 ghal skala 5 f`inqas minn 4 snin, u minn Officers fi skala 7 ghal skala 5 fi ftit xhur!*

*11. Illi l-awtoritajiet tas-sahha kellhom johorgu sejha ghal applikazzjonijiet peress li Senior Principals kellhom pozizzjoni u mhux kariga (post), pero` dina s-sejha ma harget qatt. Mhux hekk biss: l-awtoritajiet tas-sahha accettaw li s-Senior Principals jigu kkonfermati fi skala 7.*

*12. Illi Senior Principals inghataw trattament preferenzjali semplicement ghaliex l-Union Haddiema Maghqudin ghazlet li timbotta l-karru taghhom biex jipprogredixxu ghal Officers fl-iskala biex ikunu jistghu jitilghu minn skala 8 ghal skala 7, u b`hekk ikunu eligibbli biex japplikaw*

*ghal skala 6 u skala 5, tista` tghid b`mod awtomatiku. Dawk li kienu f`pozizzjoni ta` Specialists gew ukoll konfermati Officers fl-iskala biex ikunu jistghu jitilghu minn skala 9 ghal skala 7, u b`hekk dawn ukoll ikunu eligibbli biex japplikaw ghal skala 6. Hemm ohrajn li ghax gabu Masters Degree ad-data ta` l-gheluq ta` l-applikazzjoni, dawn jitilghu minn skala 9 ghal skala 7 tista` tghid awtomatikament. Dan kollu gie accettat mill-awtoritajiet tas-sahha.*

*13. Illi dan kollu sar bil-konnivenza u bil-kunsens tal-union li maghha huma msehbin. Ghalhekk, il-Union Haddiema Maghqudin wettqet agir abbuziv, diskriminatorju u illegali fil-konfront taghhom.*

*14. Illi barra minn hekk, il-Union intimata u l-ufficjali taghha rrendew ruhhom hatja ta` unfairness u improper practices in kwantu naqsu mill-obbligu tal-harsien ugwali tal-membri imsehbin fl-istess Union, u ai termini tal-ligijiet industrijali.*

*15. Illi peress li l-Union intimata ghandha funzjoni pubblika, hija mistennija tagixxi in ottemperanza mad-dettami tad-drittijiet u libertajiet fundamentali, li jinsabu inkorporati mhux biss fil-ligi suprema tal-pajjiz izda anke fil-ligijiet ordinarji, fosthom il-harsien kontra kull xorta ta` diskriminazzjoni, li hija vjetata mil-ligi, jaghmilha min jaghmilha.*

*16. Illi barra minn hekk, il-Union intimata u l-ufficjali taghha naqsu mill-obbligi fiducjarji kontemplati fil-Kodici Civili, senjatament fl-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili, li jipprovdi li l-fiducjarju ghandu d-dmir li jwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu bl-ikbar bona fide u jagixxi b`mod onest, li*

*jezercita d-diligenza ta` bonus paterfamilias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tieghu u li jevita kull konflitt ta` interess.*

*17. Illi minhabba li l-Union intimata abbandunat u ttradiet l-interessi tar-rikorrenti, intilfet ir-relattivita` ma` gradi ta` tahthom kif ukoll ma` gradi fi professjonijiet ohra, u inoltre r-rikorrenti issa huma mistennija li japplikaw ghal pozizzjoni u mhux `post` u allura s-sigurta` li r-rikorrenti qeghdin igawdu bhalissa u li ohrajn fi professjonijiet ohra baqghu jgawdu, giet mitlufa u b`hekk ir-rikorrenti sofrew u qeghdin isofru telf finanzjarju u dannu, li ghalihom ghandha taghmel tajjeb l-Union Haddiema Maghqudin.*

*18. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati naqsu li jwettqu u jassiguraw it-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiducjarji kontemplati fl-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati naqsu li javzaw lir-rikorrenti dwar il-konflitt ta` interess li kellhom meta gew f`pozizzjoni li, bil-ghan li jikkuntentaw lil uhud mill-membri msehbin fil-Union intimata, kienu sejrin jissagrifikaw lir-rikorrenti u jippregudikaw il-qaghda taghhom avolja dawn ukoll kienu ugwalment membri msehbin fl-istess Union intimata.*

*3) Tiddikjara li minhabba l-agir illegali hawn fuq deskritt l-intimati kkawzaw dannu lir-rikorrenti individwalment u kollettivament.*

*4) Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti u li ghadhom qeghdin isofru, kif ukoll dawk li ghad iridu jsofru, ir-rikorrenti.*

*5) Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti individwalment.*

*6) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti in linea ta` danni l-ammonti li jigu likwidati u dikjarati bhala dovuti lilhom.*

*7) Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju numru 61/2014 ipprezentat fl-14 ta` Frar 2014, u bl-imghaxijiet skont il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-30 ta` April 2014 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament illi una volta mharrka l-Union Haddiema Maghqudin (UHM), l-irrelevanza illi jitharrek ukoll Gian Paul Gauci bhala ufficjal ta` l-istess Union u konsegwentament ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Fit-tieni lok, illi l-Union Haddiema Maghqudin giet mharrka erronjament in kwantu illi ai termini ta` l-istatut taghha (Art 16), ir-rappresentanza legali tal-Union intimata hija vestitata fil-President u s-Segretarju Generali tal-Union u konsegwentament il-Union UHM tinsab mharrka b`mod zbaljat u erronju.*

3. *Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju jigi rilevat ukoll illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

i. *L-inapplikabilita` tal-Artikolu 1124A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta in kwantu illi kwalsiasi decizjoni mehuda kienet tal-membri tal-Union b`mod kollettiv, inkluz mill-istess rikorrenti li kellhom vot bhal haddiehor.*

ii. *Illi mhux minnu illi l-Union kellha xi konflitt ta` interess. Illi l-Union, qua Union, poggiet il-pakkett negozjat ghall-approvazzjoni tal-Membri, inkluz ir-rikorrenti, u l-pakkett gie approvat u accettat mill-maggoranza tal-membri kolpiti bil-ftehim. Forsi r-rikorrenti ghandhom jaccettaw il-principji tad-demokrazija industrijali.*

iii. *Illi wkoll mhux minnu illi r-rikorrenti sofrew xi forma ta` pregudizzju kif minnhom allegat, anzi, kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza, mhux biss ir-rikorrent ma tilfu xejn mill-kundizzjonijiet li kellhom, anzi marru ahjar bil-ftehim milhuq.*

iv. *Illi huwa ghal kollox infondat billi jinghad illi l-Union u l-Ufficjali taghha agixxew u rrendew ruhhom hatja ta` unfairness u improper practices, ghax fil-verita` r-rikorrenti tramite r-rapprezentanti taghhom minnhom stess maghzula minn fosthom, kienu dejjem prezentati ghal ghexieren ta` laqghat u partecipi fid-diskussjonijiet u t-tehid tad-decizjonijiet.*

v. *Illi l-ftehim milhuq bejn il-Union u l-Gvern, fis-sustanza tieghu jikkonsolida numru ta` ftehim ohra li gia kienu vigenti sa mis-sena 1992.*

vi. *Illi tant il-Union agixxiet b`diligenza u fl-ahjar interess tal-membri taghha kollha, illi fil-kors tat-trattivi mal-Gvern, f`Gunju u Lulju 2012, anke azzjonijiet industrijali ttiehdu kontra l-Gvern bil-ghan illi l-Union iggib dejjem l-ahjar kundizzjonijiet ghal Membri taghha.*

*4. Minghajr pregudizzju ghas-su-espost, jigi ghalhekk ecceppit illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ukoll it-tielet, ir-raba` u l-hames u s-sitt talbiet attrici in kwantu illi l-atturi ma soffrew ebda dannu kwalsiasi, wisq aktar ghal nuqqasijiet attribwibbli lill-esponenti.*

*5. Salv risposta ulterjuri u bir-rizerva tal-Union esponenta ghal kull dritt li jista` jispetta lilha fil-konfront tar-rikorrenti, inkluz dik ghad-danni.*

*6. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

**Rat illi t-tieni eccezzjoni kienet irtirata fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2014.**

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-attur Joseph Castillo** xehed illi huwa kien manager fil-Medical Imaging Services. Bil-ftehim kollettiv in kwistjoni, dan it-titolu tieghu tnehha. Huwa nghata titolu iehor u cioe` dak ta` *advanced allied healthcare practitioner* b`mod u manjiera li kollegi tieghu kienu ser jingiebu ghall-istess livell tieghu. B`hekk kien ser ikun kostrett jerga` jikkompeti biex jinghata l-kariga ta` *manager* liema titolu nbidel ghal *lead professional.*

Stqarr illi hadd qatt ma talbu jaghti l-opinjoni jew il-kummenti tieghu dwar dak li kien qed jigi negozjat. Huwa kien kellem lil Edward Gruppetta li

kien ir-rapprezentant tal-UHM fid-dipartiment tieghu li kien dejjem ighidlu li fil-kaz tieghu kollox kien ser jibqa` kif kien. Imbaghad meta nghata kopja tal-ftehim kollettiv, sab kollox l-oppost. Qabel huwa kellu postu bhala *manager* ghal dejjem izda wara l-ftehim kollettiv kien ser ikollu jerga` jikkompeti ma` kulhadd biex jikseb pozizzjoni ghal tliet snin.

Ippreciza illi huwa kien ser ikollu jikkompeti ma` grupp ta` nies msejha *senior principals* li kienu ser jinghataw it-titolu ta` *advanced allied healthcare practitioners*. Hassu umiljat li wara li huwa kien diga` *manager*, issa kellu jerga` jikkompeti ma` persuni ohra biex jiehu l-pozizzjoni. Il-kariga ta` fuq tieghu kienet dik tas-CEO. Qabel kien hemm il-*manager* u wara l-*clinical chair*. Mill-posizzjoni tieghu ta` *manager*, ma setax imur ghal kariga oghla. Qabel kien l-uniku wiehed fil-kariga u llum hemm grupp ta` persuni bl-istess kariga.

Xehed illi bil-bdil li sar, huwa kien qieghed fi Skala 5 minflok fi Skala 6 izda l-pozizzjoni precedenti li kellu kienet abbinata ma` kariga li tmexxi grupp ta` nies. Dik issa spiccat. Qabel huwa kien responsabbli lejn ic-CEOs kollha ta` l-entitajiet inkluz ukoll il-Ministru tas-Sahha u kien anke johloq servizzi godda. Kien jara li x-xoghol ta` kwalita` jsir. Kien jiehu hsieb fost ohrajn li kull pazjent jiehu d-doza rikjesta. Bhala *advanced allied healthcare practitioner* kien ser tiehu hsieb area partikolari u ser ikun hemm *lead professional* li kien ser ikun ukoll fi Skala 5.

Kompla jixhed illi l-UHM qatt ma kkonsultat il-*managers* sabiex issir taf xi hsibijiet kellhom biex tkun agevolata l-pozizzjoni taghhom. Hu u l-kollegi tieghu ghamlu kuntatt b`emails fejn talbu li jiltaqghu ma` rapprezentanti tal-UHM izda dawn qatt ma avvicinawhom hlief ghal okkazjoni wahda metra kienu mweghda li kien se jkun iffurmat grupp tal-*managers*. Gara izda li dan il-grupp qatt ma kien iffurmat ; u lanqas qatt saru laqghat. Qal li l-konvenut Jean Paul Gauci (segretarju tat-taqsima tal-paramedici tal-UHM) kien ta x` jifhem lill-kumitat tan-negozjati li l-*managers* kellhom il-grupp taghhom u li kienu qed jahdmu ghal rashom.

Stqarr illi l-atturi huma lkoll *managers* fl-istess grad. Huwa kien ilu fil-kariga ghal erba` snin. Qatt ma kien membru tal-UHM. L-atturi kienu membri tal-UHM u uhud minnhom ghadhom membri. Fis-snin ta` qabel dejjem kienu jinghataw informazzjoni dwar dak li jkun qed jintalab fil-ftehim kollettiv. Qal illi l-ftehim kollettiv in kwistjoni kien settorali ossija tal-*Allied Healthcare Professionals.*

Sahaq illi l-umiljazzjoni kienet illi bil-fatt li tpogga fl-Skala 5 huwa ma setax ikompli jimxi `l quddiem billi l-ftehim kollettiv sar bl-ghagla.

Spjega li l-UHM ghamlet *sectoral agreement* u sejhet grupp ta` nies sabiex jivvutaw fuqu. Imbaghad sar *memorandum of understanding.* Dan qatt ma mar ghall-votazzjoni. Il-*memorandum* kien jghid li grupp ta` nies kienu ser jigu promossi minn Skala 7 sa Skala 5 b`tali mod li persuni nghataw l-istess titolu tieghu f`temp ta` tliet xhur.

Fisser illi l-kawza tal-lum saret ghaliex l-atturi kienu tilfu l-fiducja li kellhom fil-UHM li suppost mexxiet il-kawza taghhom tal-managers. Bil-maqlub il-UHM ma ghamlet xejn biex il-managers ma jitilfux l-pregju tal-pozizzjoni taghhom.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed illi ma kienx membru tal-UHM jew ta` xi union ohra.

Qal li huwa kellu fiducja fil-UHM peress li l-UHM kienet fil-pozizzjoni li tinnegozja ghalih.

Ighid illi Jean Paul Gauci kien cempillu darba qabel saret l-elezzjoni generali tal-pajjiz.

Stqarr ili l-ftehim kollettiv kien iffirmat ezatt qabel l-elezzjoni generali tal-pajjiz. Sakemm saret l-elezzjoni, kienet saret pressjoni qawwija fuqhom.

Qal illi Jean Paul Gauci kien cempillu u tah x` jifhem li kien impenjat hafna.

Stqarr illi huwa konxju li jekk ikun hemm *sectoral agreements* min mhux membru ta` union ma jkunx partecipi fid-decizjoni dwar jekk il-union ghandhiex tiffirma jew le. Minkejja li kien konxju minn dan, huwa xorta kien qed izomm kuntatt mal-UHM.

Xehed li nkisret il-fiducja li kellu fil-UHM minkejja li ma kellux dritt jivvota. Ikkonferma li n-negozjati mal-Gvern kienu ilhom ghaddejjin sentejn qabel kien konkluz il-ftehim li qed jilmenta minnu. Il-union kienet ghamlet sotto-kumitat. Qal illi ma jafx li l-managers kellhomx membru fuq dan is-

sotto-kumitat. Ikkonferma li l-attrici Dr Rita Micallef kellha l-minuti ta` dan is-sotto-kumitat. Sostna li ma kienx konxju li r-riforma kienet rikjesta mill-Gvern u mhux mill-UHM. Bil-ftehim is-salarju tieghu zdied b`EUR 200 fis-sena.

Stqarr illi kien konxju li qabel kien iffirmat il-ftehim, kien ghadda ghall-vot fi hdan l-istrutturi tal-union, pero` il-ftehim tqieghed ghall-votazzjoni ta` ftit membri. Dr Rita Micallef ma kenitx mistiedna ghall-votazzjoni minkejja li kienet membru tal-union. Ma kienx jaf li kienet ser issir dik il-laqgha. Hadd ma pprotesta li ssir l-laqgha. Spjega li kien konxju li jekk union ikollha vot ta` maggoranza li tapprova l-ftehim, l-union hija obbligata tiffirma. Fl-istess waqt stqarr illi l-union ma kellhiex il-maggoranza tal-*managers* li approvaw il-ftehim.

Qal li Dr Rita Micallef, Connie Falzon u Ray Spiteri kienu prezenti ghall-laqgha. Spjega li bil-*memorandum of understanding* min kien fi skala anqas minnu, inghata l-opportuna li javvanza fil-grad tieghu. Inghataw l-opportunita` li japplikaw u jitilghu skala oghla. Fil-fatt kellha tohrog *call for applications* izda mbaghad l-ghazla kienet ser tkun awtomatika fis-sens li ma kienx ser ikun hemm *interview* jew ezami.

In **<u>riezami</u>**, xehed illi l-UHM qatt ma kitbitlu biex tghidlu li kellha konflitt ta` interess.

Xehed illi baghtu diversi emails lill-ufficjali ta` l-UHM sabiex issir laqgha. Saret laqgha wahda ma` Jesmond Bonello u ma` Jean Paul Gauci. Huwa ma kienx prezenti ghal din il-laqgha. Huwa ghamel l-ilmenti tieghu ma` Edward Gruppetta li kien ir-rapprezentant tar-*radiographers* fil-UHM. Kien jinsisti mieghu li jkun infurmat b`li kien ghaddej u Gruppetta kien assikurah li l-pozizzjoni tieghu ta` *manager* kienet ser tibqa`.

Stqarr illi huwa qies bhala tradiment il-fatt li l-UHM ma accettatx li tiffirma *addendum* ghall-ftehim.

Spjega li huwa tpogga fis-sitwazzjoni illi minkejja li llum huwa fi Skala 5 bhala *professional lead*, meta jaghlaq il-kuntratt tieghu, huwa kien ser jibqa` fi Skala 5 izda ma jibqax bit-titolu ta` *professional lead.* Ghalih ix-xoghol ma kienx biss il-paga.

Ikkonferma li huwa kien ikkopjat bl-emails esebiti a fol 119 sa 148. Il-UHM kienet ipproponiet li jsir grupp taghhom halli l-proposti taghhom jigu diskussi. Inoltre l-union kienet ipproponiet l-addendum ghall-ftehim izda wara li ngabu l-firem li kien hemm bzonn, dawret il-hsieb. Minkejja li kitbu lill-*grievance board* tal-UHM, la qatt kienet *acknowledged* l-ittra taghhom u wisq anqas qatt dehru quddiem il-bord.

Huwa cahad illi kien hemm zewg *managers* minnhom il-*working committee* tal-UHM.

**<u>L-attrici Dr Rita Micallef</u>** xehdet illi fis-sena 2000 kienet mahtura Kap tad-Dipartiment ta` l-*Ispeech and Language.* Kienet responsabbli biex flimkien ma` ohrajn inholqu 88 *outlets* ta` *service delivery* madwar Malta u Ghawdex.

Xehdet li kienet Joanna Chetcuti li nfurmatha bil-bdil li kien qed jigi propost fil-ftehim kollettiv u li bih hija kienet sejra tkun svantaggjata.

Qalet illi ppruvat tkellem lill-konvenut Jean Paul Gauci. Wara li ma rnexxielhiex taqbdu, marret l-ufficcji tal-UHM biex tkellmu. Meta kellimtu, Gauci accertaha li t-tibdil ma kienx ser jaffettwa lilha. Qaltlu li hija ppretendiet li l-iskala taghha titla` sabiex ix-xoghol taghha jibqa` uniku, mentri ohrajn kienu ser jispiccaw fl-istess grad maghha u hija kien ser ikollha tikkompeti maghhom. Gauci accertaha li ma kellhiex ghalfejn tinkwieta ghaliex hija kienet ser tkun maghzula zgur ghal *lead professional.* Insistiet mieghu illi hija riedet illi l-UHM tiggieled ghall-interessi taghha biex izzomm dak li kellha diga`.

Kompliet tixhed illi l-affarijiet baqghu sejrin u saret taf li kienet giet organizzata laqgha biex jittiehed vot dwar il-ftehim kollettiv. Hija ma kenitx mistiedna. Il-laqgha tmexxiet minn Jesmond Bonello, President tal-union, u kienu prezenti Jean Paul Gauci u Josef Vella. Ittiehed vot fuq is-sectoral agreement u mis-60 li kienu prezenti, kien hemm 15 li vvutaw kontra. Il-konsegwenza ta` l-vot kienet illi kien iffirmat il-ftehim kollettiv.

Stqarret li kien iffirmat *memorandum of understanding.* Dan qaleb kollox u ma kienx diskuss. Skont dan il-*memorandum of understanding,* hija kellha tapplika ghall-pozizzjoni ta` *lead professional* ghal tlett snin, imbaghad setghet terga` tapplika ghal dik il-pozizzjoni. Kienu eligibbli li japplikaw ghaliha persuni minn Skala 7 jew 6. Ghalhekk is-superjur taghha seta` jkun persuna minn skala iktar baxxa.

Cahdet illi qatt kienet membru ta` xi sotto-kumitat. Fil-fatt ma kien hemm l-ebda *manager* li kien jirraprezenta l-kategorija taghhom.

L-ilment ewlieni taghha kien illi konsegwenza tal-ftehim li ghamlet il-UHM kienu gabuhom jikkompetu ma` persuni li sa dak iz-zmien kienu tahthom.

Qalet li saru laqghat mal-union qabel kien iffirmat il-ftehim kollettiv u kien miftiehem li jsir grupp tal-*managers* li kellu jkun rapprezentat minnha. Madanakollu l-ftehim baqa` ma twettaqx.

Stqarret illi wara li kien iffirmat il-ftehim kollettiv, il-Ministru ta` dak iz-zmien Dr Joseph Cassar kien irealizza li naqas mal-*managers* u hareg *addendum* fejn irrikonoxxa il-hiliet taghhom u wera x-xewqa li jibqghu jitilghu ghal-*lead role* bla ma jikkompetu ma` ohrajn. Il-UHM irrifjutat li tiffirma dan l-*addendum.*

Kompla tistqarr illi konsegwenza tal-ftehim kollettiv li ffirmat il-UHM inbidel it-titolu li hadmet ghalih matul is-snin.

Bhala membru tal-UHM, hija hassitha aggravata peress li l-UHM kellha l-obbligu li tezercita diligenza esklussivament fl-interess tal-membri taghha kollha bla ebda diskriminazzjoni, u li tipprotegi lill-membri taghha bl-ahjar mod. Hija kellha l-aspettattiva li r-rwol taghha u l-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha jew jibqghu l-istess jew jitjiebu izda mhux li jmorru lura.

Sostniet li l-*managers* qatt ma hassewhom certi minhabba l-kompozizzjoni tal-korpi li kellhom jirrapprezentaw lill-professjonisti koncernati.

Xehdet li minkejja li bil-ftehim hija telghet fi Skala 5 (minn Skala 6 fejn kienet qabel) hija tilfet l-*allowance* li kienet tiehu bhala *manager*. Tilfet ukoll il-*headship status*.

Insistiet li kienet garrbet hsara psikologika. Batiet minn ansjeta` kbira, frustrazzjoni kronika u nuqqas ta` serhan tal-mohh.

Qalet li meta ttiehed il-vot, ma kenitx mistiedna tattendi izda marret xorta.  Fil-laqgha kien hemm izjed nies mill-gradi tal-iSkali baxxi milli mill-iSkali ta` *managers.*

Xehdet illi minn dak kollu li kien imwiegħed baqa` ma sar xejn.

Sostniet illi l-UHM kellha konflitt ta` interess bil-mod kif suppost kienet qeghda tirrapprezentahom u taghtihom direzzjoni.

Stqarret illi l-Ministru tas-Sahha accetta li jsir *addendum* pero` kien hemm l-opposizzjoni tal-UHM, ghalkemm Josef Vella u Jean Paul Gauci kienu kkonfermaw li ma kienx hemm problema min-naha taghhom li dak l-*addendum* jigi ffirmat.

Xehdet li wara li ghamlet li setghet biex tasal b`mod pacifiku, kellmet avukat li taha parir biex tirrikorri quddiem il-*grievance committee* tal-UHM. Ghalkemm il-union kellha tlitt ijiem biex twiegeb baqghet ma tatx twegiba. Saret ittra interpellatorja kif ukoll protest gudizzjajru. Il-union iccaqalqet meta saret din il-kawza li kienet rappurtata fil-gazzetti.

Sostniet li l-ftehim li saru qabel kienu kkonsolidaw il-*headship,* l-ahhar wiehed u cioe` dak in kwistjoni farrak l-istruttura u ghamilha mhux sostenibbli. Kienu frammentati s-servizzi u naqset il-kontabilita` peress li hafna nies kien se jkollhom l-istess grad specjalment dawk fil-grad ta` fuq.  Fi ftehim precedenti *incumbents* qatt ma kienu mitluba jergghu japplikaw ghal pozizzjoni li kienet diga` taghhom.

Xehdet illi l-UHM kienet intimidanti fil-konfront taghhom billi ma tatx kaz tat-talbiet taghhom.

Sostniet illi l-UHM holqet dannu ghal sahhitha, kif ukoll danni finanzjarji.

Ippretendiet aktar kompetenza u diligenza mill-UHM.

Stqarret illi effett tal-ftehim il-gdid mhuwiex minnu li l-paga taghha zdiedet, anzi naqqset.  Infatti ttiehed minnha l-*manager`s allowance* kif ukoll

*l-qualification allowance* tad-dottorat taghha tant li kienet mitluba taghti lura lill-Gvern l-ammont ta` EUR 860 ghall-*qualification allowance.*

Stqarret illi hija kienet tkellmet bit-telefon ma` Tonio Cassar li kien is-Segretarju tal-Ministru tas-Sahha. Tghid illi dan staqsieha kif il-UHM ma kinitx innegozjat kundizzjonijiet dwar il-grad taghha. Din it-telefonata saret qabel kien iffirmat il-ftehim kollettiv.

Kompliet tixhed illi kienet saret laqgha mal-Ministru qabel sar l-iffirmar u dan kien serhilha rasha li huma ma kienu ser jgarrbu ebda pregudizzju.

Fil-**kontroezami**, ikkonfermat li ghalkemm il-paga bazi taghha kienet zdiedet, it-*take home pay* taghha fil-fatt kienet naqset ; tant hu hekk illi l-pagi basi zdiedet b`EUR 90 fix-xahar, izda mbaghad garrbet tnaqqis ta` EUR 104 fix-xahar.

Stqarret illi kieku l-*addendum* kien iffirmat u accettat mill-UHM, huma kienu jiehdu r-rispett tal-pozizzjoni taghhom u ma kienux ikunu kostretti jerga` jaghmlu *interview* biex jerga` jsiru kapijiet.

**Malcolm David Micallef** – li jigi r-ragel tal-attrici Dr Rita Micallef – xehed illi jahdem bhala *senior principal environmental health officer.*

Xehed illi l-mara tieghu wegghet hafna bl-atteggjament tal-union. Konsegwenza ta` dan kienet kostretta tmur ghal kura ghand it-tabib taghha kif ukoll ghand psikologu.

Stqarr illi wara li kien konkluz il-ftehim kollettiv martu kienet infurmata li kellu jsir *addendum.* Tkellmet mal-Ministru Joseph Cassar u l-*addendum* spicca ma kienx iffirmat mill-UHM.

Xehed illi l-*addendum* kien jiffavorixxi l-pozizzjoni ta` l-mara tieghu kontra ta` dak li kien hemm fil-*memorandum of understanding.* Quddiemu l-konvenut Josef Vella staqsa lill-konvenut l-iehor Gian Paul Gauci darbtejn jekk dak l-*addendum* setax jigi ffirmat u dan kien wiegeb fl-affermattiv. Madanakollu ftit wara martu kienet infurmata bit-telefon li l-*addendum* ma kienx ser jigi ffirmat.

**L-attur John Salomone Reynaud** xehed illi l-kariga tieghu fid-Dipartiment tas-Sahha hija dik ta` *Professional Lead Allied Health Care Practitioner Dental Technology Services.* Il-kariga tieghu hija ghal tliet snin. Huwa membru tal-UHM.

Fisser li fl-2002 huwa lahaq *manager*. Dak iz-zmien kien parti mis-sotto-kumitat tal-UHM. Minhabba l-hatra tieghu ta` *manager*, huwa dehrlu li ma kellux jibqa` *shop steward.* Warajh lahaq Ian Zammit. Il-grupp tal-*managers* kellhom bhala chairperson lil Dr Rita Micallef u hu kien is-segretarju.

Stqarr illi saret laqgha mal-UHM fis-27 ta` Marzu 2012. Fil-laqgha nghad illi kien hemm bzonn li jkun iffurmat grupp tal-*managers* sabiex dan jissottometti rakkomandazzjonijiet.

Kompla jghid illi ftit gimghat wara huwa rcieva email bid-dettalji tal-minuti li saru mis-sottokumitat tal-UHM dwar il-ftehim kollettiv. Inghad illi l-Gvern ma kienx lest igholli l-iskala u kien hemm diskussjoni biex lill-kollegi ta` warajhom jagevolawhom biex jiehdu zieda minn skala ghal ohra. Huwa baghat mill-ewwel dawk il-minuti lil Dr Rita Micallef. Din ghamlet kuntatt ma` Jean Paul Gauci li stqarr illi d-diskussjonijiet tas-sotto-kumitati kienu konfidenzjali.

Spjega li l-UHM iddecidiet li tmexxi bil-ftehim minghajr ma tikkonsulta maghhom. Bil-ftehim huma telghu skala izda tnehhielhom il-*headship status* taghhom. Huwa kellu l-ewwel jinzel ghal *advanced allied health practitioner* li kellu dmirijiet inqas minn ta` *manager* ; imbaghad meta l-ohrajn jitilghu fl-iskala u jizdiedu fil-paga, huwa kellu japplika u jikkompeti maghhom ghal *lead position.* Dan ifisser li kellu jmur pass lura biex jakkwista dak li kellu qabel.

Sahaq illi l-UHM zbaljat ghaliex agevolat lill-kollegi ta` skali nferjuri ghal taghhom.

Fisser illi l-kwistjoni kienet wahda ta` professjonalita` peress li llum ma hemmx kap tas-sezzjoni tas-servizzi taghhom billi kienu kostitwiti : *service manager*, *allied health practitioner*, u *leads.* Kulhadd huwa fl-istess skala. Ghalhekk jekk wiehed ghandu jiehu passi dixxiplinari skont il-*management code*, suppost irid ikollok zewg skali iktar mill-persuna li tkun trid tiddixxiplina.

In-nuqqas ta` l-UHM kien jikkonsisti mill-fatt illi din ma kkonsultatx maghhom u ffavoriet lilt a` warajhom a skapitu taghhom.

Stqarr illi l-Ministru Joseph Cassar ipprova jtaffi l-ingustizzja li kienet inholqot kontra taghhom izda l-UHM oggezzjonat. Il-Ministru kien lest jiffirma *addendum* biex huma jigu assimilati fil-grad, mhux jikkompetu fil-grad. Dan il-principju kien rifjutat mill-UHM ghaliex skont l-UHM l-*addendum* propost kien qed iwaqqaf lil ta` warajhom milli jiehdu promozzjoni.

Qal illi bl-imgieba li hadet il-UHM il-kawza tal-lum ma setghetx tigi evitata minkejja li l-kawza kienet preceduta minn protest gudizzjarju.

**<u>L-attur Francis Laus</u>** xehed illi kien ilu membru tal-UHM mill-2008. Illum huwa *professional lead*, hatra ta` tliet snin.

Xehed illi qabel l-ahhar ftehim kollettiv, huwa kellu l-kariga ta` *manager dental hygiene services* ghal zmien indefinit. Inghata l-hatra f`Jannar 2013. Pero` dam fiha sa Frar tal-istess sena billi sar il-ftehim il-gdid fejn kellu japplika ghall-posizzjoni ta` *advanced health practitioner* li huwa rwol inferjuri ghal dak ta` *manager*. In segwitu applika ghall-kariga ta` *professional lead.*

Stqarr li l-UHM kellha ttejjeb il-posizzjoni tal-haddiem kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll fil-post tax-xoghol. Fil-kaz tieghu dan ma sarx. Kien ta` umiljazzjoni ghalih illi kien kostrett illi jerga` jissottometti ruhu ghal intervista ta` ghazla b`riskju li ma jintghazilx. Dan il-fatt sehh fil-kaz ta` wiehed mill-kollegi tieghu. Huwa tilef il-*managerial allowance* li kellu. Hass ruhu umiljat ukoll bil-fatt illi l-kariga tieghu kienet ghal tliet snin biss ghaliex skont il-ftehim kif ighaddu dawk it-tliet snin ma setax jerga` japplika ghal dik il-posizzjoni u kien jitlef ir-rwol ta` kap u jmur lura ghal dik ta` *advanced health practitioner* anke jekk kien ser jibqa` fl-istess skala.

Spjega illi saret laqgha fejn kien imfisser il-ftehim. Kollegi tieghu kienu lmentaw li ma kienux rcevew invit biex jattendu ghal-laqgha. Ghal-laqgha kienu prezenti biss 60 ruh. Ghalkemm Jean Paul Gauci spjega il-ftehim, ma tax importanza ghall-*memorandum of understanding.*

Xehed li huma biss kellhom posizzjoni temporanja mhux permanenti. Dawk li qabel kienu go posizzjonijiet temporanji inghataw trattament

favorevoli ghaliex f` daqqa l-qaghda taghhom saret permanenti u zammew l-iskala li kellhom. Imbaghad bis-sahha tal-*memorandum of understanding* dahlu go posizzjonijiet oghla mnejn setghu jkomplu jimxu `l quddiem. Semma li kien hemm persuni li minn Skala 9 telghu zewg skali u kien bic-cans li jitilghu skala ohra. Ohrajn hadu "*a better deal*".

Sostna li l-UHM qabzet ghal haddiehor mhux ghalihom. Il-*working committee* kien kompost minn nies li gew agevolati hafna. Dawn hasbu ghall-interessi taghhom biss. Ghalhekk il-UHM kellha konflitt ta` interess. Wiehed mill-firmatarji tal-ftehim, u cioe` Ian Zammit, kien iddikjara li t-titoli kienu sejrin jitnehhew u b`hekk hadd ma kien ser jibqa` jitkessah. Dan kien juri *bias* kontra taghhom.

Spjega li huwa kellu fiducja fl-UHM, izda din ma bdietx tikkomunika mieghu. Hadd ma tkellem mal-*managers*. Baqa` ma sarx *working committee* tal-*managers*. Sahaq illi Jean Paul Gauci ma riedx jikkomunika maghhom. Wara li kien iffirmat il-ftehim, kienu anke ktibu lill-*grievances board* tal-union izda dawn baqghu ma tawhomx risposta.

Xehed illi l-UHM irrifjutat li tiffirma *addendum* ghall-ftehim li kienet tiffavorixxi lill-*managers*.

Fil-<u>**kontroezami**</u>, huwa xehed illi l-*working committee* kien responsabbli li jressaq proposti ghad-diskussjoni li mbaghad ighaddu ghand il-UHM. Huwa qatt ma vvota biex jinhatar il-*working committee*.

Stqarr illi waqt laqgha li saret huwa ddikjara li ma kienx qed jaqbel mal-ftehim. Hu u shabu baqghu fil-laqgha u meta ttiehed vot dwar il-ftehim kien hemm 15 li vvotaw kontra u 45 ivvotaw favur. Il-vot ittiehed waqt laqgha li saret f` Novembru u l-ftehim kien iffirmat fi Frar ta` wara. F` dawk l-erba` xhur, huma ppruvaw ikellmu lil union izda kien kollu ghal xejn. Ir-risposta dejjem kienet li ladarba ttiehed il-vot, il-union ma setghetx ticcaqlaq.

Spjega li huwa hassu tradut ukoll ghaliex ma kienx spjegat lilu l-*memorandum of understanding*.

Ippreciza li l-*working committee* kien kompost mill-kategoriji kollha tal-paramedici. Huwa kien oggezzjona ghall-fatt illi mhux shabu kollha kienu mistiedna ghal-laqgha ghalkemm il-UHM sostniet li kienet avzat lil kulhadd. Il-*working committee* kien marbut bil-konfidenzjalita` u ma kienx

awtorizzat jghid lill-bqija tal-haddiema x` kien qed jigi diskuss. Kienu saru jafu x` kien qed jigri ghax kienu *leaked* il-minuti.

Stqarr illi fil-*working committee* kien hemm Jeremy Lanfranco li kien qed jirrapprezenta lilu u lil shabu. Huma kienu jkellmuh izda ftit kienu jiehu taghrif minghandu.

Qal illi huma kienu haduha *for granted* li jekk kulhadd kien ser imur tajjeb, anke huma kienu ser imorru tajjeb. Fil-fatt izda ma garax hekk.

**Tonio Cassar** xehed li sal-2013 huwa kien il-Kap tas-Segretarjat tal-Ministru tas-Sahha Dr Joseph Cassar.

Stqarr illi dak iz-zmien kien hemm xi *collective agreements* li kienu waslu biex jiskadu. Qal li wara li kien iffirmat wiehed mill-*elite health care professionals*, kien hemm xi lmenti. Huwa ma kienx prezenti ghan-negozjati tal-ftehim kollettiv peress li dawn ikunu kondotti mill-*Public Administration Collective Bargaining Unit* (PACBU), is-Segretarju Permanenti, it-Tabib Principali tal-Gvern u l-union u cioe` il-UHM.

Ikkonferma li l-attrici Dr Rita Micallef kienet marret tkellem lill-Ministru wara li kien diga` ffirmat il-ftehim kollettiv. Kienet miftehma laqgha peress li l-*managers* hassew li kienu gew zvantaggjati. Jaf illi l-Ministru tkellem mas-Segretarju Permanenti. Jaf li dan qallu li ma kienx hemm qbil bejn il-UHM u l-PACBU.

Ippreciza li l-UHM ma kinitx favur li dawn il-*managers* jitilghu awtomatikament ghal Skala 5 izda kellu jkun hemm *call* u jikkompetu ma` haddiehor. Qal illi l-PACBU ma kenitx tal-fehma li kellu jkun hemm *automatic progression* minn skala ghal ohra minghajr *call.*

**L-attur Noel Ciantar** spjega li huwa kien *manager* tal-laboratorji. ta` Malta u Ghawdex. Qabel il-ftehim in kwistjoni, huwa kien ilu *manager* mis-sena 2000. Id-differenza tieghu mal-kollegi l-ohra tieghu atturi fil-kawza tal-lum hija ill ibis-sistema l-gdida huma ntghazlu mentri fil-kaz tieghu ha postu haddiehor. Huwa kien wiehed mill-firmatarji ta` ittra li ntbaghtet lill-UHM fejn intalbet laqgha skont l-istatut.

**Il-konvenut Gian Paul Gauci** xehed illi llum huwa Assistent Direttur tal-UHM izda meta saret il-kawza tal-lum kien Segretarju tat-Taqsima tas-Sahha tal-UHM, kariga li kien ilu jokkupa mill-2010.

Xehed illi mill-atturi Joseph Castillo, Margaret Muscat u Andrew Scicluna ma kinux membri tal-UHM. Castillo u Muscat qatt ma kienu membri mentri Scicluna kien membru fl-1998.

Stqarr illi huwa dahal fin-negozjati fl-2010. Dawn kienu konkluzi fi Frar tal-2013. Il-UHM kienet qed tirrapprezenta l-paramedici li llum jissejhu *allied health professionals*. Il-ftehim kellu jkopri ghaxar professjonijiet ta` paramedici. Bhal fil-kaz ta` negozjati ohra, kien hemm kumitat u sottokumitat. Huwa kien jesigi li mill-inqas ikun hemm zewg rapprezentanti minn kull professjoni pero` dan ma kienx dejjem possibbli. Dawn ir-rapprezentanti kienu jigu maghzula mill-haddiema. Meta dahal hu fix-xena, kien hemm diga` kumitat iffurmat. Fost ir-rapprezentanti maghzula mill-haddiema kien hemm l-atturi Francis Laus u John Salamone Reynaud.

Kompla stqarr illi l-funzjoni tal-kumitat kien illi jaraw li jsir ftehim settorali. Is-sotto-kumitat kien maghzul mill-kumitat. Meta jkun hemm sotto-kumitat, dan irid jara l-interess tal-professjonijiet kollha. Jekk jinqala` kaz ta` konflitt ta` interess, dan jigi diskuss fil-kumitat ; imbaghad jigi deciz kif ghandu jimxi n-negozjat `il quddiem. Fil-kumitat kienu jittiehdu d-decizjonijiet u abbazi taghhom kien isir in-negozjat mal-Gvern tramite l-PACBU.

Xehed li originarjament il-minuti tal-kumitat kienu qed jitqassmu izda mbaghad inhass li fil-qalba tan-negozjati ma kienx opportun li titqassam kull haga li tigi diskussa. Gara li xi hadd ghadda nformazzjoni lill-*managers* u dawn ikkuntattjawh. Kien ghalhekk deciz li l-minuti jinzammu dejjem izda li c-cirkolazzjoni taghhom tkun limitata ghalih u ghall-President tal-kumitat.

Ikkonferma li kienet saret laqgha mal-*managers* fejn kien spjegat lilhom li ma setax isir kumitat specjali taghhom. Il-prassi kienet illi min ried jidhol fil-kumitat, seta` jitlob u jekk il-professjoni tal-persuna taccetta, kienet isir parti mill-kumitat. Il-votazzjoni kienet issir fil-kumitat biss ; huwa ma kellux vot.

Stqarr illi qatt ma saret talba minn dawk mill-atturi li kienu membri tal-UHM sabiex jaghmlu parti mill-kumitat.

Sostna li n-negozjati kienu komplessi izda l-proposta kienet li kulhadd jitla` skala.

Kienet mitluba wkoll zieda fl-*allowances.*

Fisser illi fl-2012 il-Gvern ried li jkun hemm riforma shiha. Sahansitra ried illi tinbidel anke n-nomenklatura tal-posizzjonijiet.

Qal illi l-Gvern hareg bil-proposti tieghu li mbaghad kienu rfinati mill-kumitat li hatret il-UHM.

Spjega li l-Gvern ried ibiddel l-istruttura manigerjali. Ried illi minflok jibqa` *manager* wiehed li jmexxi l-professjoni, ikun hemm tlett gradi fi skala 5 : wiehed ikun b`kuntratt indefinit ; u t-tnejn l-ohra jkunu b`kuntratti definiti ghal tliet snin. Dawn il-proposti hargu wara li kienu ttiehdu azzjonijiet industrijali ghaliex il-Gvern ma kienx baghat il-kontroproposti tieghu ghall-proposti taghhom.

Stqarr illi ma kienx hemm oppozizzjoni da parti ta` l-atturi ghall-azzjonijiet industrijali li saru.

In segwitu l-*managers* tpoggew fi Skala 5 b` kuntratt indefinit.

Kompla jixhed illi qabel kien konkluz il-ftehim, l-atturi kienu fi Skala 6 b`kuntratt indefinit. Bil-ftehim qabzu ghal Skala 5 b`mod awtomatiku. Kellha ssir dikjarazzjoni minn kulhadd u jitilghu skala.

Din id-dikjarazzjoni kienet accettata minn kulhadd.

Spjega li kienet saret oggezzjoni minn Dr Rita Micallef u John Salamone Reynaud ghaliex il-*managers* riedu jibqghu *managers* u riedu li l-*job description* tibqa` l-istess.

Stqarr li konsegwenza tar-riforma, il-persuni koncernati ma setghux jibqghu *managers.* Bir-riforma huma kien se jitilghu skala ghal Skala 5, u setghu japplikaw ghal *lead* u ghal *service manager.*

Xehed illi s-servizz pubbliku jaghmel distinzjoni bejn *post* u *position* : *post* huwa kuntratt indefinit ta` xoghol ; waqt li *position* huwa kuntratt definit ta` tliet snin. *Position* tinghata ghal karigi li huma manigerjali. Fil-kaz ta` *post*, impjegat jiehu l-grad u jibqa` hekk ghal dejjem sakemm ma japplikax ghal promozzjoni. L-atturi hadu l-*post* meta mlew il-*professional portfolio* izda imbaghad riedu japplikaw ghal *position* ta` *service manager* jew *lead professional.* Kien hemm sitt *service managers* u *lead professional* ghal kull professjoni ossija ghaxra. Disa` mill-ghaxar postijiet ittiehdu mill-atturi b` kuntratt ta` tliet kull wiehed.

Sahaq illi whud mill-*managers* li kienu *acting.* Li kieku ma sarx il-ftehim il-gdid, kienu ser jibqghu *acting.*

Sostna li fl-2012 Dr Rita Micallef ghan-nom tal-*managers* l-ohra talbet laqgha mal-union. Riedet li l-**managers** jinqatghu barra mill-ftehim. Dan pero` ma setax ikun peress li si trattava ta` ftehim kollettiv tas-servizz pubbliku. Fil-21 ta` Novembru 2012 huma laqqghu lill-haddiema kollha sabiex ikun imfisser lilhom il-ftehim ta` l-*allied health professionals.* Kull min mill-atturi kien membru tal-UHM kien mistieden jattendi. Pero` kienu prezenti biss Dr Rita Micallef u John Salamone Reynaud. Waqt il-laqgha saru oggezzjonijiet ghall-ftehim minn Dr Micallef u Salamone Reynaud. In segwitu ghaddew ghall-vot, li kien vot sigriet. Il-vot ghadda favur il-ftehim. Minn hemm il-UHM kellha l-awtorizzazzjoni li tiffirma. Gara li l-Gvern ghamel *moratorium* u tahom sal-14 ta` Frar 2013 biex jiffirmaw.

Fisser illi Dr Micallef darba biss talbet laqgha. It-twegiba kienet li l-ftehim kien dak li kien sakemm il-Gvern ma riedx jiftah in-negozjati mill-gdid. Il-union qatt rceviet talba sabiex jerga` jmorru ghall-vot. Il-ftehim kien iffirmat fl-14 ta` Frar 2013. Wara dik id-data Dr Micallef bdiet taghmel kuntatt maghhom fis-sens illi qalet illi l-Gvern lest li jibdel il-pozizzjoni tieghu billi l-*positions* jaghmilhom *posts* u allura *service manager* u *lead professional* jsiru kuntratti indefiniti. Dwar dan ma kienx hemm problema min-naha tal-UHM dment li dan ma jtellifx opportunitajiet lil haddiema ohra. Dr Micallef kienet qeghda tinsisti li l-*managers* biss kellhom isiru *professionals* meta kien hemm madwar erbghin persuna ohra li setghu japplikaw. Dawn kienu kollha membri tal-UHM.

Xehed illi kien propost illi jkun hemm zewg *lead professionals* biex b` hekk il-*managers* jsiru *lead* b` mod awtomatiku u l-haddiema l-ohra xorta jista` jsiru *lead.* Il-Gvern pero` baqa` ma tax risposta dwar dan. Il-UHM kienet lesta tiddiskuti li kieku kellha *feedback* mill-Gvern.

Sahaq illi l-UHM rat l-interess tal-membri taghha fl-assjem tieghu u ghalhekk ma kienx hemm konflitt ta` interess bejn kategorija u ohra.

Ipprezenta kopja tal-ftehim kollettiv in kwistjoni.

Xehed illi skont dan il-ftehim jirrizulta li l-ebda union ma tista` titlob negozjati separati ghal haddiema li huma parti minn ftehim settorali.

Spjega li fil-prospett ghad-danni taghhom l-atturi qeghdin jitolbu bhala hlas ta` danni li mhux qeghdin jithallsu skont Skala 4. Fisser li l-atturi qatt ma talbu li jmorru ghal Skala 4. Huma l-ufficjali li qeghdin fuq il-*managers* li jidhlu fl-Skala 4 bhad-direttur tal-*allied health professionals.* Skala 4 ma tghoddx ghall-atturi.

Dwar l-allegazzjoni tal-atturi illi huwa kiser il-*Professional Secrecy Act*, xehed illi huwa ma kellux obbligi skont dak l-Att. Kull ma ghamel hu kien illi baghat email b` dak li kien qed jigri. Fl-email ma identifika lil hadd.

Sahaq illi John Salamone Reynaud kien parti mill-kumitat. Huwa qatt ma rrizenja ghalkemm kien ghemm zmien fejn ma kienx jattendi ghal-laqghat tal-kumitat. Francis Laus baqa` jattendi. Sostna li d-*doctorate allowance* ma setax jibqa` jithallas peress illi minn Skala 5 `il fuq dik l-*allowance* ma tithallasx. Illum is-sitwazzjoni nbidlet ghaliex wara l-intervent tal-UHM min ikun fi Skala 5 jista` jiehu d-*doctorate allowance.*

Qal illi xaghrejn wara li kien iffirmat il-ftehim u cioe` f`April il-kumitat kien xjolt.

Cahad illi x-xoghol tal-*managers* illum qed issir minn *lead professional.* Ir-rwol ta` *lead professional* huwa : *"to strategically plan, develop and monitor the Allied Health Service in Malta and Gozo in relation to existing and proposed Health care policy."*

Fil-**kontroezami**, huwa cahad li mblokka n-numru ta` John Salamone Reynaud biex b` hekk dan ma jkunx jista` jikkomunika mieghu. Cahad li huwa kien jahrab milli jiltaqa` ma` Dr Rita Micallef. Sakemm kien iffirmat il-ftehim, hadd qatt ma baghat esprima sfiducja fil-kumitat. L-ittra li ntbaghtet mill-ispeech therapist Norma Camilleri saret xhur wara li kien

iffirmat il-ftehim. Wara l-ittra, huwa mill-ewwel xolja l-kumitat u dawk il-persuni li ma kienx hemm fiducja fihom ma gewx eletti.

Stqarr illi l-minuti tal-kumitat kienu jinkitbu mill-President li kien Joseph Abela. Sakemm ma ntbaghtitx ittra li l-attur Salamone Reynaud kien qed jirrizenja, baqa` jigi meqjus bhala parti mill-kumitat.

Sahaq illi l-ftehim il-gdid ma kienx jippregudika lill-*managers* peress li l-*job description* inbidel. Dawn baqghu xorta wahda *senior* ghal dawk li telghu fi zmien qasir fl-iskala u li lahquhom. Is-*seniors* jistghu johorgu *warning* lil xi hadd li dahal gurnata warajhom. Anke meta japplikaw ghal promozzjoni, is-*seniors* ikollhom punt zejjed. Li riedet Dr Micallef kienet li taqsam il-griuup billi tohloq grupp li jirrapprezenta lilhom.

Ipprezenta l-*powerpoint presentation* li kien uza meta tressaq il-ftehim ghall-vot.

Sahaq illi l-UHM kellha tahdem u tittratta riforma li ried il-Gvern.

**<u>Josef Vella</u>** – Segretarju Generali qabel – u Kap Ezekuttiv illum – ta` l-UHM – xehed illi l-oghla organu tal-union huwa l-kunsill generali. Imbaghad hemm il-*board of management* li jiehu hsieb l-ezekuzzjoni *on a daily basis* tal-union. Kull taqsam tal-union ghandha *manager*. Ikun hemm ukoll kumitat bil-haddiema li jiltaqa` mal-*manager* biex jahdmu fuq il-ftehim kollettiv. Gieli jkun hemm ukoll *ad hoc committees* meta jkun qed jigi negozjat ftehim kollettiv.

Stqarr illi Gian Paul Gauci huwa assistent direttur bi rwol manigerjali fit-taqsima tas-sahha tal-union. F` dan il-kaz, kien hemm kumitat *ad hoc*. It-taqsimiet tas-sahha kienu sitta.

Kompla stqarr illi l-ftehim kollettiv in kwistjoni kien wiehed difficli.

Fisser illi l-Ministeru tas-Sahha ried jaqsam it-taqsmiet fi tlieta. Il-union kienet tal-fehma li fir-riforma l-Gvern ma kienx qieghed bhala *employer* ma kienx qed jigbed ghalih. Bil-ftehim kif kien propost, l-atturi kienu sejrin jitilghu skala.

Spjega li l-union ghamlet minn kollox biex bil-ftehim kollettiv il-haddiem jimxi `l quddiem fil-professjoni tieghu izda jista` jkun li kien hemm haddiema li ma lahqux l-aspettativi taghhom.

Kompla jghid illi huwa approva l-agir ta` Gian Paul Gauci.

Ikkonferma li meta ssir il-laqgha fejn jigi prezentat il-ftehim kollettiv, u dan jigi spjegat u diskuss, jittiehed vot, u skont dak il-vot, il-union tipprocedi.

Stqarr illi l-union ma kellhiex problema li jkun hemm addendum mal-ftehim dment li jaccetta l-Gvern.

Sahaq li l-union ma kellhiex konflitt ta` interess.

Xehed li l-kaz tal-atturi mar quddiem il-bord ta` l-ilmenti. Wara li jaghmel stharrig, jekk il-bord isib li hemm kaz, dan imur quddiem il-Bord Ezekuttiv.

Spjega li fejn jidhlu kazi ta` ftehim kollettiv li dwaru jkun ittiehed vot, ma hemmx mertu li bih jitwaqqaf il-bord.

Insista li fil-UHM mhuwiex il-kunsill li jiehu l-vot izda l-membri.

Hadd fil-UHM ma jista` jbiddel dak il-vot.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li l-*managers* kienu rapprezentati fil-kumitat li semma aktar kmieni.

Sahaq li Gian Paul Gauci ma kellu ebda konflitt ta` interess.

Spjega li l-aspettativa tal-membri kienet li jsir ftehim kollettiv li jirrispekkja l-proposti taghhom.

Qal li l-union kienet opponiet ghall-proposta tal-Gvern dwar il-*managers.*

## III. L-ewwel eccezzjoni preliminari

Fl-ewwel eccezzjoni, kienet eccepita bhala rrilevanti l-inkluzjoni bhala konvenut ta` Gian Paul Gauci bhala ufficjal ta` l-union.

**Jirrizulta li Gian Paul Gauci ma kienx imharrek bhala konvenut fil-vesti personali tieghu izda "*bhala ufficjal tal-Union Haddiem Maghqudin*".**

Dwar it-rappresentanza legali, il-klawsola 16 ta` l-istatut (fol 71 sa 118) tghid hekk :-

*"Il-President ta` l-Union u s-Segretarju Generali ta` l-Union huma r-rapprezentanti ta` l-Union quddiem il-ligi. Izda fil-kazi fejn Taqsima wahda biss tkun involuta, il-President u s-Segretarju ta` dik it-Taqsima jkunu jistghu jirraprezentaw lit-Taqsima quddiem il-ligi."*

L-intimati jikkontendu li s-Segretarju tat-Taqsima (fil-kaz tal-lum : Gian Paul Gauci) qatt ma kellu jitharrek wahdu *qua* ufficjal tal-UHM. Jekk il-hsieb tal-atturi kien illi titharrek taqsima partikolari tal-union allura kellhom jitharrku ghall-fini ta` rappresentanza legali kemm il-President u kif ukoll is-Segretarju tat-Taqsima.

**Il-Qorti tqis li hekk kif kien imharrek, Gian Paul Gauci ma kienx imharrek korrettement.**

Bosta mill-atturi kienu membri tal-UHM fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat. Ghalhekk suppost kellhom jew messu kellhom kopja tal-istatut tal-union. Jekk kellhom f`mohhom li fil-kawza tal-lum jinvolvu taqsima specifika tal-union kien messhom harrku lill-President u lis-Segretarju tat-taqsima mhux jinvolvu lil Gian Paul Gauci wahdu taht it-titolu generiku, u distakkat mill-istatut ta` *ufficjal tal-union.* L-istatut tal-UHM huwa car u univoku fil-klawsola tar-rappresentanza tal-union.

**Ghalhekk hekk kif citat Gian Paul Gauci mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-atturi.**

**Il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari u qeghda tillibera lill-konvenut Gian Paul Gauci mill-osservanza tal-gudizzju.**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni preliminari</u>**

**Din l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza wara li b`digriet taghha tad-19 ta` Mejju 2014 din il-Qorti laqghet talba tal-atturi ghal korrezzjoni tal-occhio fis-sens illi oltre Josef Vella bhala Segretarju Generali tal-UHM jizdied ukoll Jesmond Bonello bhala President tal-UHM.**

**V. <u>Mertu</u>**

**1. <u>Il-fatti fil-qosor</u>**

Jirrizulta illi mhux l-atturi kollha huma membri tal-UHM. Fiz-zmien tal-kaz mertu ta` din il-kawza, Gian Paul Gauci kien segretarju tat-taqsima tas-sahha tal-union. Il-ftehim kollettiv tal-Gvern mal-UHM li jirregola l-qasam tas-sahha kien iffirmat fl-14 ta` Frar 2013. Il-ftehim kien il-frott ta` zmien twil ta` negozjati bejn iz-zewg nahat, u ta` laqghat interni anke fi hdan il-UHM.

L-ilmenti tal-atturi huwa li UHM warrbet fil-genb l-interessi taghhom bhala kategorija u cioe` bhala *managers,* illi rrifjutat li tiltaqa` maghhom, u li ppreferiet haddiema ohra tal-qasam tas-sahha bil-konsegwenza li l-interessi taghhom gew sagrifikati u ppregudikati.

Kien allegat illi propju Gian Paul Gauci, is-segretarju tat-taqsima Allied Health Care Practitioners tal-UHM, warrab lilhom u l-interessi taghhom fil-genb, u ma rrispettax l-obbligi fiducjarji tieghu lejhom.

Inghad mill-atturi illi l-UHM wettqet bi pregudizzju ghalihom *improper trade union practices* u kisret il-principji li jirregolaw *fair representation.* Kagun ta` din l-imgieba, l-atturi jikkontendu li garrbu u ghadhom qed igarrbu minn telf finanzjarju u nuqqas ta` *status.*.

Il-konvenuti jilqghu fil-mertu ghall-pretensjonijiet tal-atturi billi jsostnu li fil-kondotta taghha l-UHM hadet in konsiderazzjoni l-interessi

kollha tal-membri taghha nvoluti. Imxiet dejjem biex thares id-drittijiet taghhom. Ma poggietx f`xi posizzjoni privileggjata haddiema a skapitu ta` ohrajn izda mxiet b`mod bilancjat billi poggiet kull kategorija ta` haddiema fl-istess livell u hadet l-interessi taghhom kollha in konsiderazzjoni.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tibda biex tevalwa l-eccezzjonijiet preliminari.

## 2. <u>Konsiderazzjonijiet dwar l-ilmenti tal-atturi</u>

### a) <u>Allegat agir li ppregudika serjament il-posizzjoni taghhom</u>

L-atturi jilmentaw illi bil-ftehim li ffirmat il-union, kienet serjament ippregudikata l-posizzjoni taghhom billi sehhet frammentazzjoni tal-istruttura li kien hemm qabel.

Jidher illi l-atturi kellhom rapprezentanti taghhom fil-kumitat (*working committee)* li kien jiltaqa` sabiex jiddiskuti l-ftehim kollettiv. Ma jirrizultax illi l-atturi qatt ikkontestaw l-agir tar-rappresentanti taghhom. Lanqas ma jirrizulta li l-persuni koncernati pprezentaw xi rizenja formali li biha avzaw lill-UHM li ma ridux ikomplu fil-kariga taghhom.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, l-atturi jirrilevaw illi fil-kumitat l-atturi John Salomone Reynaud u Francis Laus kienu qed jirrapprezentaw lill-professjonijiet rispettivi taghhom, ossija lid-*dental technologists* u lid-*dental hygienists.* Tajjeb jinghad pero` ghall-fini ta` korrettezza fattwali illi dawn iz-zewg atturi kienu *managers* bhalma kienu l-atturi l-ohra. Ghalhekk m`ghandux ikun hemm l-icken malintiz illi dawk iz-zewg persuni, atturi wkoll fil-kawza odjerna, kienu qed jirrapprezentaw l-interessi tal-*managers* kif kienu jissejhu dak iz-zmien.

Fl-istadju tan-negozjati, l-atturi kellhom l-opportunita` li jressqu l-ilmenti jew ir-rappresentazzjonijiet taghhom dwar id-dettalji tal-ftehim. Setghu anke lmentaw dwar il-mod kif kienu qeghdin jigu kondotti n-negozjati. Minn dan ma sar xejn. Baqghu jigu rapprezentanti minn zewg persuni li gieli attendew ghal-laqghat tal-*working committee* u gieli ma attendewx. Dawn il-persuni baqghu jitqiesu bhala membri tal-*working committee.*

Dwar l-allegata frammentazzjoni tal-istruttura, tressqu provi sodisfacjenti illi kien il-Gvern li kien ippropona r-riforma tas-settur. Hija preogattiva tal-Gvern li jressaq ghan-negozjati li jipproponi dak li fil-fehma tieghu ghandu jigi riorganizzat is-settur. Il-kompitu tal-UHM kellu jkun li taccerta li dak li kien qed jigi propost ma kienx lesiv ghall-jeddijiet tal-haddiema membri taghha.

Irrizulta bhala fatt illi konsegwenza tar-riforma nholoq *post* fl-Skala 5 tas-servizz pubbliku b`kuntratt ta` xoghol indefinit u zewg *positions* fl-istess skala regolati b`kuntratt tax-xoghol ghal zmien tliet snin u allura ghal zmien definit.

Jidher illi skont il-ftehim il-*post* inkiseb ottenut b`mod awtomatiku. Ma jidhirx li l-atturi ti;fu s-*seniority* lir-rikorrenti. Ghalhekk billi zammew is-*seniority,* meta japplikaw ghall-*positions*, is-*seniority* isservi bhala *bonus* ghalihom.

Ma ssibx li l-atturi garrbu telf finanzjarju ghaliex bil-ftehim minn Skala 6 marru ghal Skala 5.

Dwar telf ta` *allowances,* irrizulta ppruvat illi wara li sar il-ftehim il-Gvern accetta li min ikun fi Skala 5 jinghata d-*doctoral allowance* minkejja li impjegati ta` dik l-iskala ma kienux jiehu dik l-*allowance.*

**b)** **<u>Allegat telf ta` *status*</u>**

L-atturi jikkontendu li effett tal-ftehim huma kienu umiljati billi garrbu nuqqas fl-*status* taghhom.

Abbazi tal-provi, jidher li kull bdil li sar kien fl-ambitu ta` riforma tal-*job descriptions.* Fil-fatt ix-xoghol li kienu jaghmlu l-atturi qabel il-ftehim ma hadu hadd. Il-posizzjoni ta` *lead* kienet tinkorpora obbligi ohra.

Huwa minnu li wara l-ftehim settorali, l-atturi kellhom jikkompetu ma` haddiehor ghall-kariga ta` *lead professional.* Madanakollu l-atturi zammew is-*seniority* taghhom fil-konfront ta` haddiehor li mar fi Skala 5 u baqghu eligibbli li japplikaw ghal *lead professional* bis-*seniority* li diga` kellhom taghtihom vantagg biex jiksbu l-hatra.

Jidher illi bil-ftehim is-*senior principals* inghataw il-fakolta` li japplikaw biex ikunu *lead professionals*. Din il-Qorti tqis illi b`daqshekk ma jfissirx li d-drittijiet tal-atturi kienu kalpestati jew addirittura l-atturi gew umiljati. Is-*seniority* taghhom baqghet dik li kienet. L-unika distinzjoni kienet illi sabiex isiru *lead professionals* l-atturi kellhom jikkompetu ma` haddiehor b`dan illi s-*seniority* diga` akkwisita kienbet taghtihom vantagg.

Din il-Qorti mhijiex tirriskonta la umiljazzjoni u lanqas telf ta` *status* ghall-atturi.

**Bhala fatt disgha mill-ghaxar atturi li qabel kienu *managers* jew *acting managers* li applikaw ghall-kariga ta` *lead professional* inghataw il-hatra.**

**c) <u>Allegati *improper trade union practices* u *unfair representation*</u>**

Inghad mill-atturi li Gian Paul Gauci kixef deliberatament l-identita` ta` l-attrici Dr Rita Micallef sabiex jesponiha ghall-ostilita` tas-subalterni taghha.

Madanakollu, fil-korrispondenza li ghaliha jirreferi dan l-ilment, ir-referenza kienet ghal *"manager"* ta` sess femminili u fl-ebda mument ma kiene indikat isem jew aktar dettalji.

Sabiex il-UHM tkun hatja ta` *unfair representation*, irid jigi ppruvat li sar xi agir arbitrarju jew diskriminatorju jew altrimenti agir ta` *bad faith* da parti taghha.

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-UHM ressqet il-propost ftehim ghall-votazzjoni. Kien biss wara l-votazzjoni li l-UHM iffirmat il-ftehim.

Irrizulta li kien hemm kumitat skont l-istatut tal-union li ha votazzjonijiet qabel ittiehdu d-decizjonijiet. Infatti kull grupp mill-ghaxra esistenti kellu rappresentanza ndaqs. Kull grupp kellu l-istess opportunita` li jippartecipa u jivvota fid-decizjonijiet.

Meta saret il-laqgha li kellha tapprova jew tirrigetta l-ftehim propost, dan kien approvat mill-bicca l-kbira tal-persuni prezenti. Abbazi ta` dak li

kien deciz, il-UHM iffirmat il-ftehim wara li kisbet ukoll l-accettazzjoni tal-membri fil-kors ta` laqgha ad hoc.

Irrizulta li l-attrici Dr Rita Micallef waqt il-laqgha wriet ir-ragunijiet taghha kontra l-firma tal-ftehim, fehma li kienet respinta mill-maggoranza tal-votanti.

Jigi osservat illi fiz-zmien li ghadda bejn meta ttiehed dak il-vot u d-data meta attwalment kien iffirmat il-ftehim, il-Gvern ghamel *moratorium.* Cio` nonostante l-atturi ma hadu l-ebda passi gudizzjarji sabiex isostnu fil-qrati dak li deherilhom li kienu aggravati bih.

**d) <u>Allegat konflitt ta` interess</u>**

L-atturi jilmentaw illi mill-mod u manjiera kif ittrattat maghhom fil-kwistjoni mertu ta` din il-kawza l-UHM uriet illi kellha konflitt ta` nteress u sarrfet dan fi trattament preferenzjali lil xi whud mill-membri taghha a skapitu taghhom.

**Din il-Qorti hija tal-fehma li abbazi tal-provi ma rrizultax li l-UHM kellha l-interess ta` xi grupp ta` haddiema ghad-detriment tal-atturi.**

**Dak li evidentement jirrizulta huwa li qabel iffirmat il-ftehim de quo l-UHM poggiet bhala prijorita` taghha l-interess tal-membri taghha fit-totalita` taghhom bl-ghan li ma jmorrux lura fil-kundizzjonijiet taghhom.**

**Ma kienx ippruvat illi l-UHM kienet rinfaccjata b` zewg fazzjonijiet li kellhom ghanijiet inkompattibli u li hija ghazlet fazzjoni a skapitu ta` l-ohra.**

L-insistenza tal-atturi kienet illi l-UHM iffavoriet is-*senior principals* mhux lilhom.

L-atturi jikkontendu li bil-fatt li ma accettatx li tiffirma l-*addendum* li kien ser jippermettilhom li ma jikkompetux ma` haddiema li kienu tahthom

ghall-ewwel tlett snin, il-UHM uriet li kienet qed taghmel minn kollox sabiex l-erbghin *senior principals* ikunu jistghu jikkompetu maghhom.

**Din il-Qorti tghid illi l-argument tal-atturi ma jregix.**

**Jirrizulta li l-*addendum* ma kienx accettat li jigi ffirmat minhabba li hekk kif propost kien ser imur kontra l-vot li kien ittiehed u li abbazi tieghu l-UHM iffirmat il-ftehim..**

Finalment din il-Qorti hija konvinta li anke li kieku jigi meqjus li r-rikorrenti sofrew xi pregudizzju, dan assolutament ma sehhx minhabba xi *self-interest* tal-UHM.

**e) <u>Obbligi fiducjarji</u>**

**Mill-mod kif tfasslu t-talbiet tal-atturi jidher illi dawn kien formulati abbazi tal-<u>Art 1124A tal-Kap 16</u> li dahal fis-sehh fl-1 ta` Jannar 2005.**

Din id-disposizzjoni kienet trattata fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Settembru 2010 fil-kawza "**<u>Anthony Caruana & Sons Limited et vs Christopher Caruana</u>**" fejn inghad **:-**

*"L-Artikolu 1124A (1) tal-Kodici Civili jghid hekk:"Obbligazzjonijiet fiducjarji jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, kwazi kuntratt, trust, assunzjoni ta` kariga jew imgieba fejn persuna (il-"fiducjarju") –*

*(a) ikollha d-dmir li thares l-interessi ta` persuna ohra, jew*

*(b) izzomm, tezercita kontroll jew ikollha setghat ta` disponiment fuq proprjetà ghall-beneficcju ta` persuna ohra, inkluz meta din tkun vestita bhala sid ta` dik il-proprjetà ghal dan l-ghan, jew*

*(c) tircievi taghrif minghand persuna ohra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fic-cirkostanzi kollha b`mod ragonevoli ghandha tkun taf, li l-uzu ta` dak it-taghrif huwa intiz li jkun ristrett."*

*Il-fiducjarju huwa obbligat li jzomm taghrif li jircievi b`mod kunfidenzjali. Hu ghandu d-dover ta` lealta` flamministrazzjoni u li jhares l-interessi tal-persuna li tkun inkarigatu. Ghandu jiehu hsieb ta` l-affarijiet ta`*

*min qabbdu b`mod onest u b`kontabilita` u lealta`. Ghandu jezercita d-diligenza ta` bonus pater familias biex iwettaq lobbligazzjonijiet tieghu u m`ghandux ikollu konflitti ta` interess. Ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta` min qabbdu. M`ghandux jircievi xi profitt mhux awtorizzat."*

Fis-sentenza ta` din il-qorti kif presjeduta tat-2 ta` Dicembru 2013 fil-kawza "**Carmen Xuereb v. L-Avukat Anton Micallef**" inghad :-:

*"… Fiducjarju ghandu l-obbligu li jzomm u jittratta taghrif li jircievi b`mod kunfidenzjali. Ghandu d-dmir ta` lealta` fl-amministrazzjoni. Ghandu d-dover li jhares l-interessi tal-persuna li tkun tatu l-inkariku. Ghandu jiehu hsieb b`onesta` u b`kontabilita` l-affarijiet ta` min ikun tah l-inkariku. Ghandu jezercita d-diligenza ta` bonus paterfamiliasfit-twettieq ta` l-obbligazzjonijiet tieghu. M`ghandux ikollu konflitti ta` interess, ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta` min tah l-inkkariku u m`ghandux jircievi profitt mhux awtorizzat."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta` Novembru 2014 fil-kawza "**Vascas Enterprises Limited vs Adrian Ellul**" inghad hekk :-

"*Kif taraha din il-Qorti, il-kwisjtoni legali li trid tigi indirizzata tirrigwarda d-doveri fiducjarji u d-doverita` fedelta relattivi ghal kuntratt ta` impjieg bejn il-konvenut u s-socjeta attrici.*

*Jibda biex jinghad illi l-ligi Ingliza taghmel distinzjoni bejn iz-zewg doveri. Il-Qorti tirreferi ghal zewg appelli moghtija wahda mill-Qorti tal-Appell Ingliz fl-ismijiet Jeremy Michael Ranson vs Customer Systems plc deciza fis-27 ta` Gunju 2012 u ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell ta` Singapore fl-ismijiet Smile Incorporated Dental Surgeons Pte Ltd vs Lui Andrew Stewart deciza fil-31 ta` Lulju 2012. Il-kawzi huma b`fatti simili ghal kawza sub iudice u fihom saret espozizzjoni erudita u kwazi identika tal-principju regolatur in materja.*

*Fl-appell Ranson il-Qorti tal-Appell Ingliz trattat il-kwistjoni ta` impjegat f`pozizzjoni manigerjali li rrezenja biex jiftah ghal rasu fl-istess sfera tal-impjieg tieghu u fil-perjodu talimpjieg fetah il-kumpanija tieghu, tkellem ma` kuntatti tad-ditta li kienet timpjegah, ma qal xejn dwar dan lil principal tieghu u fil-fatt wara li ttermina l-impjieg accetta xoghol minghand l-imsemmija kuntatti.*

*Il-Qorti tal-Appell qalet hekk :*

*A "fiduciary" duty should not be confused with a duty of "fidelity". The duty of fidelity may be expressly set out in the contract but if not, it will be*

*implied. All employment contracts contain an implied term that an employee will serve their employer in good faith and with fidelity (duty of fidelity) meaning that during employment, the employee should act in their employer`s interests and not use the time for which he is paid by the employer in furthering their own interests. However, it also means that whilst the employee must have regard to their employer`s interests, it does not in general amount to a "promise to give his employer the benefit of every opportunity within the scope of its business"*

*A fiduciary duty exists where there is fiduciary relationship, such as between a director and the company of which the director is an officer. Directors are under a fiduciary duty (partially set out in the Companies Act 2006) which requires the director to owe a "single-minded duty of loyalty to the company and act in the company`s best interests`*

*Il-Qorti tal-Appell qalet in oltre li l-impjegat hu f`pozizzjoni differenti u ma jassumiex, semplicement qua impjegat, obbligi fiducjarji lejn il-principal. Anki jekk jitqies bhala fiducjarju, mhux kull fiducjarju jassumi l-istess doveri f`kull cirkostanza. Il-fonti ghandu jkun il- kuntratt ta` impjieg. Obbligi fiducjarji jinsorgu fejn obbligazzjonijiet spcifici kuntrattwali jpoggu lill-impjegat f`sitwazzjoni fejn il-ligi ghalhekk tramite dawn l-obbligi timponi fuqu doveri addizjonali aktar rigoruzi.*

*Ma` dan jizdied illi impjegati ta` certa livell jistghu jkunu suggetti ghal doveri fiducjarji impost mill-kuntratt ta` impjieg pero ma jistghux jitpoggew fil-keffa ta` diretturi u d-doveri fiducjarju impost fuqhom. Dover fiducjarju ta` direttur inghad fil-kawza Fishel imsemmija fid-decizjoni kkwotata illi :*

*"the hallmark of a fiduciary is a single-minded duty of loyalty. The duty of loyalty in that context has a precise meaning: ``namely the duty to act in the interests of another". As mentioned, this is not a feature of an employment relationship. In the employment context the duty of loyalty, although given the same label, "is one where each party must have regard to the interests of the other, but not that either must subjugate his interests to those of the other."*

*… llum bl-introduzzjoni tal-artikolu 1124(A) tal-Kap. 16 dwar obbligi fiducjarji, giet kristallizzata dak li l-Qrati taghna kienu jsostnu cioe illi certi kuntratti minn natura taghhom jimponu obbligi addizjonali ghal dawk kuntrattwali fosthom il-kuntratt ta` impjieg. L-artikolu 1124(A)(a) fil-fatt jasserixxi li hemm obbligi fiducjarji meta dawn jirrizultaw mill-istess ligi, minn kuntratt u fost affarijiet ohra msemmija, minn assunzjoni ta` kariga fejn fost elementi ohra persuna jkollha d-dmir li thares l-interessi ta` persuni ohra.*

*Kwindi, hu car illi fil-ligi Maltija, rapport kontrattwali jew/u anki f`assunzjoni ta` kariga (kif certament il-kaz odjern jiccentra) hemm obbligu fiducjarju fejn hemm id-doveri li wiehed ihares l-interess ta` haddiehor.*

*Hi l-fehma ta` din il-Qorti li dan l-artikolu ma hu xejn ghajr l-applikazzjoni generali tal-ligi illi fil-qadi tad-doveri tieghu, impjegat irid iqis l-interess tal-principal tieghu u jagixxi bid-diligenza kollha fil-qadi ta` dmiru u aktar ma hi gholja l-pozizzjoni jew il-kariga, aktar jassumi piz lobbligu ta` fedelta, lealta, onesta u buona fede fil-konfront tal-principal u aktar hu ta` importanza li dak li ghandu kariga jagixxi bid-diligenza ta` bonus pater familias. Tradott f`termini semplici l-impjegat specjalment fil-karigi esekuttivi ma jridx jaghmel hsara, jewjagixxi b`detriment jew pregudizzju jew b`dannu ghall-interess tal-principal tieghu. Dawn id-doveri ghandhom jitqiesu b`zieda ma` kull kondizzjoni ohra kontrattwali fir-rapport ta` impjieg bejn il-principal u l-impjegat.*

*Huma in-natura tal-kariga, ir-responsabilitajiet u poteri afdati oltre kundizzjonijiet specifici tal-kuntratt ta` impjieg li jiddeterminaw u jiddelineaw il-qies tal-fiducja riposta u mistennija u ghalhekk huma dawn il-fatturi li jriedu jittiehdu in konsiderazzjoni meta jigi kunsidrat allegazzjoni ta` nuqqas ta` dover kemm esplicitu jew implicitu liema nuqqas igib mieghu il-konsegwenza ta` responsabilita ghal hsara li tkun allegatament giet kommessa a dannu tal-principal."*

Ghal din il-Qorti huwa rilevanti wkoll dak li kiteb l-Av. Max Ganado bit-titolu : "*Fiduciary Obligations under Maltese Law*" fil-ktieb "**<u>Trusts e Attivita` Fiduciarie 2013</u>**" :

*"Two fiduciary obligations, that of acting with utmost good faith and acting honestly, are absolute and cannot be waived or otherwise tampered with.*

*... All fiduciaries must act with utmost good faith as they have no interest to act otherwise as they are acting for the benefit of someone else. This is an obligation that cannot be waived or reduced either... Article 1124A (4) states :*

*Without prejudice to the duty of a fiduciary to carry out his obligations with utmost good faith and to act honestly in all cases, a fiduciary is bound, subject to express provision of law or express terms of any instrument in writing excluding or modifying such duty, as the case may be –*

*"and then lists the obligations one by one in subparagraphs ...*

*These feature singly or even in groups, in other parts of the Code and in other laws and are not a statement of new law but a summary of existing law which is spread out all over the legal system and court judgements. Some of these obligaitons apply only in some contexts and not others. It should also be noted that this list is not exhaustive and there could be other fiduciary obligations which emerge from the context.*

*… The list is as follows :*

*(a) to exercise the diligence of a bonus pater familias in the performance of his obligations ;*

*(b) to avoid any conflict of interest ;*

*(c) not to receive undisclosed or unauthorised profit from his position or functions ;*

*(d) to act impartially when the fiduciary duties are owed to more than one person ;*

*(e) to keep any property as may be acquired or held as a fiduciary segregated from his personal property andthat of other persons towards whom he may have similar obligations ;*

*(f) to maintain suitable records in writing of the interest of the person to whom such fiduciary obligations are owed ;*

*(g) to render account in relation to the property subject to such fiduciary obligations ; and*

*(h) to return on demand any property held under fiduciary obligations to the person lawfully entitled thereto or as instructed by him or as otherwise required by applicable law."*

Ghandu jinghad ukoll li fil-kaz ta` obbligi kontrattwali ordinarji, il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza li tat fil-5 ta` Dicembru 2004 fil-kawza "**Michael Pace v. Richard Micallef pro et noe"** kien hemm obbligu ta` ekwita`.

Inghad :-

*"Ma hemm l-ebda dubju ta` xejn li hemm sproporzjon astronomiku bejn il-quantum ta` l-inadempjenza talkonvenut appellant riskontrata bis-sentenza tat-2 ta` Frar 1994, u l-quantum tal-penali likwidata fis-sentenza tal-20 ta` Marzu 1997 bhala kumpens biex taghmel tajjeb ghall-istess inadempjenza. L-istess aggravju huwa wkoll in parti gustifikat ghaliex l-ewwel Qorti, fl-ahhar imsemmija sentenza, applikat ad litteram is-sub-artikolu (1) ta` l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta` ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom, cioe` pacta sunt servanda. Dik il-Qorti pero` injorat ghal kollox id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 993 invokata mill-appellant li tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona*

*fidi u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi. Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta` ekwita` kif ukoll ta` sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b`agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b`dak il-komportament li jkun ghal kollox spoporzjonat u li ma jkunx accettabli skond innormi stabbiliti tas-socjeta` u tal-logika guridika. Mill-banda l-ohra, l-imsemmi aggravju ta` l-appellant m`huwiex gustifikat jekk bih l-appellant qieghed jirritjeni li ladarba linadempjenza riskontrata fis-sentenza tat-2 ta` Frar 1994, kienet wahda relattivament minima allura din ghandha tigi injorata mill-Qrati li ghandhom jikkonsidraw il-kaz bhallikieku hu kien kompletament adempjenti fl-obbligi tieghu. Il-hsieb ta` din il-Qorti f`dan ir-rigward hu rifless filmassima tad-dritt komuni li ghal sekli shah iddomina lkontinent Ewropew:* ***in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*** *(Dig. 50, 17, 90).”*

Dan premess, dwar l-obbligi fiducjarji, il-UHM tishaq illi hija dejjem onorat u attwat fil-prattika l-obbligi fiducjarji taghha.

Issostni li l-fatt li r-rikorrenti ma kisbux dak li kienu qeghdin jistennew mill-ftehim b`tali mod illi ma lahqux l-aspettativa taghhom, ma jfissirx li l-union ma qaghditx mal-obbligi u r-responsabilitajiet taghha.

**Wara li ghamlet l-accertamenti taghha, din il-Qorti tghid minghajr icken esitazzjoni illi l-UHM agixxiet b` mod responsabbli u diligenti.**

**Wettqet l-obbligi fiducjarji taghha meta mxiet skont l-istatut taghha. Ma ppreferiet lil ebda membru fuq iehor u lanqas ippregudikat membru kontra iehor.**

**Ma kien bl-ebda mod ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha u sal-grad rikjest mil-ligi illi l-UHM agixxiet *in mala fede.***

**Kien ippruvat illi wara li kien iffirmat il-ftehim de quo, il-union kienet disponibbli ghal bdil fil-ftehim dment li membri ohra taghha ma jkunux pregudikati kif ukoll illi tibqa` leali sal-ahhar mal-vot li ttiehed. L-*addendum* kien respint ghaliex kien imur kontra dan kollu.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, qeghda tilqa` l-eccezzjoni, tiddikjara illi l-konvenut kif imharrek Gian Paul Gauci mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-atturi u ghalhekk qeghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni preliminari, stante li din kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu.**

**Qeghda tichad it-talbiet tal-atturi.**

**Qeghda tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**